Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, il-15 ta' Mejju 2025**

**Kump. Nru. 676/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Cauchi)**

**Versus**

**Caroline Debrincat**
**(390198M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra Caroline Debrincat, detentriċi tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 390198M.

Akkużata talli nhar it-2 ta' Diċembru 2021 u fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa il-fond 20, Primrose Court, Flat 5, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar:

1. Ħalliet il-kelb tagħha tar-razza Pitbull f'bitha interna li għandha d-dimensjonijiet tagħha taħt dak meħtieġ mill-liġi għad-daqs tal-kelb tagħha bħala post primarju t'akkomodazzjoni u żamma. (Reg 4 tal-L.S 439.21.)

2. U aktar talli ġiegħlet il-kelb tagħha jsofri minn uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-Ħarsien ta' l-Annimali. (Artikolu 8(2),(3),(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.)

3. U aktar talli għamlet reat ieħor wara li kienet ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr. Charmain Galea LL.D, datata l-04 ta' Mejju 2021, liema sentenza saret definittiva, b'hekk ġabet ruħha reċidiva. (Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Kodiċi Kriminali.)

Il-Qorti ġiet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' ħtija, jekk tqis li jkun xieraq, tipprojbixxi lill-imputata milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu annimali għal dak iż-żmien li jista jkun stabbilit u dan ai termini tal-Artikolu 45(1)(b) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tordna illi l-imputata tħallas l-ispejjez mġarrba għat-trattament, rilokazzjoni jew konfiska ta' annimali minn kull post f'Malta u tirrevoka kull permess maħruġ mill-operat ta' kull attivita', u dan ai termini tal-Artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li d-Difiża naqset milli tippreżenta n-nota bir-ritratti entro t-terminu lilha preskritt.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-każ imur lura għat-8 ta' Novembru 2021, meta fl-Uffiċju tal-Kummissarju għal-Ħarsien tal-Annimali daħal rapport li kien hemm kelb li kien qed ikun dejjem *miżmum* f'kundizzjonijiet mhux tajbin ġewwa bitha u/jew xaft f'fond partikolari w ċioe' ġewwa il-fond bin-numru għoxrin (20), Primrose Court, Flat 5, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar.

Illi di fatti, dan ir-rapport wassal sabiex fis-26 ta' Novembru 2021, saret spezzjoni minn żewġ uffiċjali mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali (Animal Welfare) ġewwa l-imsemmi fond u ċioe' fil-fond bin-numru għoxrin (20), Primrose Court, Flat 5, Triq Barnaba, San Pawl il-

Baħar fejn kienet tirrisjedi l-imputata, u hemmhekk l-Uffiċjali sabu kelb tat-tip *Pitbull Brindle* miżmum f'xaft zgħir.

Sid il-kelb ġiet identifikata li kienet l-imputata, madanakollu hija ma kinitx prezenti meta seħħet din l-ispezzjoni. Kien hemm biss omm l-imputata, li allegatament ġiet mwissija dwar il-fatt li kien hemm diversi ksur ta' regolamenti fuq iż-żamma tal-annimali mill-Uffiċjali prezenti.

L-uffiċjali mid-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali (Animal Welfare) reġgħu għamlu spezzjoni oħra fit-2 ta' Diċembru 2021 u allegatament sabu l-kelb fl-istess sitwazzjoni. B'hekk il-kelb ittieħed minn fuq il-post.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2023, xehdet bil-ġurament Stephania Calafato Testa, Assistent Registratur, Qorti Kriminali u Tribunali, li ppreżentat DOK SCT1, li hija sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, preseduta mill-Maġistrat Dr Charmaine Galea fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Caroline Debrincat", kif ukoll DOK STC2 li huwa r-rapport dwar multi relatati mas-sentenza esebiti.

Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2023, xehed ukoll bil-ġurament Joseph Cassar, *Uffiċjal tal-Animal Welfare.* Huwa spjega li kien daħal rapport għand id-Direttorat għat-Trattament Xieraq tal-Annimali li kien hemm kelb li kien qed jinżamm ġo xaft żgħir ġewwa il-fond Primrose Court, Flat 5, Triq Barnaba, Bugibba. Huwa jgħid li hu u l-kollega tiegħu Fiorita Maria Sammut kienu ngħataw struzzjonijiet sabiex jaċċedu fl-istess post fit-2 ta' Diċembru 2021, u dan wara li kienet saret spezzjoni oħra fl-istess fond fis-26 ta' Novembru 2021 minn żewġ uffiċjali oħra. Skond ix-xhud, dak in-nhar tat-2 ta' Diċembru 2021, fethet il-bieb ta' barra ċertu Carmen Bugeja, li x-xhud rrefera għaliha bħala omm l-imputata. Kompla jghid li fil-fond sabu kelb tar-razza *Pitbull Brindle* tal-kulur kannella u iswed f'xaft zgħir, b'qisien ta' circa 90 ċm b'360 ċm. Ix-xhud speċifika li *"peress li l-kelb jaqbez it-30 cm, u hu kien fih 35cm għoli, il-qies tas-shaft irid ikun ta' lanqas qies 1.2m…..fejn dan instab li kien 90 cm. Kellu 30 cm inqas"*. Ix-xhud sostna ukoll li l-kelb kien jidher li *jqatta' ħin twil maqful ġo dan ix-xaft, peress li kien hemm ħafna tiċpis mal-bieb tal-ħġieġ li jgħati għal ġo l-imsemmi xaft, kif ukoll kien hemm il-ħmieg tiegħu ma' l-art. Sostna ukoll li l-kelb* ma kellux ikel u lanqas fejn

jistkenn. Ma kellu l-ebda friex (bedding) ma' l-art. Kellu biss bowl bl-ilma. In kontroezami meta mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi bedding tal-klieb, x-xhud reġa' kkonferma għal darb'oħra li: *"Le ma kienx hemm xejn. Ma kien hemm xejn, għandna r-ritratti u ma kien hemm xejn".* In kontro-eżami ukoll, ix-xhud stqarr li l-kelb kellu body score tajjeb u li bħala fiżiku kien tajjeb. Ix-xhud pprezenta ir-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala DOK JC1.

Illi fl-istess seduta tas-16 ta' Frar 2023, xehdet ukoll bil-ġurament Fiorita Maria Sammut, Uffiċjal tal-Animal Welfare. Hija kkorroborat dak li qal Joseph Cassar, dwar meta sar r-rapport u l-ispezzjoni li saret fil-fond Primrose Court Flat 5, Triq Barnaba fit-2 ta' Diċembru 2021. Ix-xhud qalet li meta waslu fuq il-post, fetħet il-bieb ta' barra ċertu Carmen Borg, u li ġewwa sabu l-kelb maqful f'xaft żgħir. Skond ix-xhud, il-kelb ma kellux shelter adegwat, *"kull ma kien hemm naqra ta' pjanci fuq in-naha ta' wara fejn jgħattu biss il-washing machine"*. L-Uffiċjal kompliet tgħid li *"la kien hemm cot, la kien hemm bedding u kull ma kien hemm bowl zgħir bl-ilma"*. Qalet li kien hemm ħafna grif mal-ħġieġ tal-bieb li jagħti għax-xaft u ikel ma kellux. Dwar ix-xaft, ix-xhud qalet li *"bhala measurements kien zgħir. Kienu 90cm by 360cm"*, mentri *"l-minimum side irid ikun not less than 1.2 metres"*. In kontro-eżami, ix-xhud stqarret illi l-kelb ma kienx magħlub u li kien jidher tajjeb.

Illi xehed ukoll bil-ġurament PS 1553 Francesco Mizzi, fejn sostna illi fit-2 ta' Diċembru 2021 huwa kien assista lill-membri tal-Animal Welfare waqt spezzjoni li saret ġewwa il-fond bin-numru għoxrin (20), Primrose Court, Flat 5, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar. Huwa kkorrobora dak li qalu x-xhieda Cassar u Sammut, u ċioe' dwar il-fatt li meta waslu fuq il-post, fetħet il-bieb ċertu Carmen Bugeja. Ġewwa, skont ix-xhud, sabu kelb ġo xaft li *"kien zgħir"*. In kontro-eżami, meta mistoqsi dwar jekk kienx hemm xi tinda fix-xaft, ix-xhud jgħid li *"jien ma rajtx, ma rajtx tinda"*. In kontro-ezami ukoll jgħid li ma jiftakarx jekk kienx hemm washing machine u lanqas xi sodda tal-kelb fix-xaft. Huwa pprezenta DOK FM1 li huwa l-Current Incident Report bin-numru 11/POL/4634/2022.

Illi fis-seduta tal-20 ta' April 2023, xehdet bil-ġurament Elaine Camilleri, Uffiċjal tal-Animal Welfare fejn hija qalet li fit-26 ta' Novembru 2021 kienet irċiviet telefonata mingħand is-superjur tagħha ta' dak iz-zmien Daniel Briffa, sabiex ssir spezzjoni ġewwa l-fond Primrose Court, Flat 5, Triq Barnaba, Bugibba, minħabba li kien hemm kelb li kien qed jiġi miżmum magħluq ġo xaft zgħir. Hija kompliet tgħid li flimkien mal-kollega tagħha

Gerald Ebejer marru fuq il-post. Fetħet il-bieb ċertu Carmen Bugeja li daħlithom ġewwa, fejn hemm sabu *"shaft ġol-apartament, u l-kelb kien qiegħed hemmhekk."* Ix-xhud tkompli tgħid li l-kelb kien għadu żgħir. Il-kelb kien ġeru, iżda ma kienx qed jinżamm f'kundizzjonijiet xierqa. Il-kelb, skond ix-xhud, *"ma kellux ilqugh ta' xejn mill-elementi naturali"*. Ix-xhud ttenni ukoll li x-xaft ma kienx imnaddaf *"kienet tidher li ma kinitx imnaddfa qisu għal forsi ha, jumejn"*. Ix-xhud tistqarr ukoll li hija kienet qalet lis-sinjura Carmen Bugeja sabiex ma tħallix il-kelb ġox-xaft "*qabel ma at least tagħmillu xi ftit ta' lqugh ………… u tibda tnaddaflu aktar ta' spiss*". L-uffiċjal qalet ukoll li ċċekkjat il-kelb biex tara jekk kienx micro-chipped u sabet li dan ma kienx reġistrat. Mistoqsija dwar min kien sid il-kelb, ix-xhud tgħid li s-Sinjura Carmen *"qaltilna dak tat-tifla"* u li t-tifla ġiet identifikata bl-isem ta' Caroline Debrincat, madanakollu tentattivi da parti tax-xhud biex tigi kkuntattjata l-imsemmija Caroline Debrincat sfaw fix-xejn. In kontro-eżami, meta mistoqsija dwar jekk kienx hemm xi tinda, ix-xhud tgħid li ma tiftakarx. Lanqas ma tiftakar jekk kienx hemm xi tip ta' bedding. Ix-xhud pprezentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala DOK EC1.

Illi fis-seduta tat-20 ta' April 2023, xehed bil-ġurament ukoll Gerard Ebejer, Uffiċjal tal-Animal Welfare. Huwa kkorrobora dak li qalet Elaine Camilleri dwar meta sar r-rapport u l-ispezzjoni li saret fil-fond Primrose Court Flat 5, Triq Barnaba fit-26 ta' Novembru 2021. Ix-xhud jgħid li meta aċċeda fuq il-post flimkien mal-kollega tiegħu, hemm sabu kelb tar-razza Pitbull, ta' l-eta' ta' ċirca tlett xhur. Il-kelb "k*ien ġo shaft. Is-shaft kien wiesa' bejn metru u tliet metri. Shelter ma kienx hemm*". Ikompli jgħid li *"bedding ma kellux. Kull ma kellu bowl zgħira tal-ilma"*, kif ukoll li ma kellux ikel. Jistqarr ukoll li kien hemm *"xi ħmieġ, anke mhux minn ta' l-istess ġurnata"*. Ix-xhud kkorrobora dak li qalet l-Uffiċjal Elaine Camilleri dwar il-fatt li l-kelb ma kienx *micro-chipped.* In kontro-eżami, meta mistoqsi dwar l-istat tal-kelb, ix-xhud jgħid li l-kelb ma kienx *"f'filthy condition", u li "l-body score tiegħu kien mhux ħażin, kien tajjeb".*

Illi fis-6 ta' Lulju 2023, xehed bil-ġurament PS387 Roderick Mercieca, fejn sostna illi fit-2 ta' Diċembru 2021, huwa assista lill-membri tal-Animal Welfare waqt spezzjoni li saret ġewwa il-fond bin-numru għoxrin (20), Reinhouse Court, Flat 5, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar. Huwa kkorrobora dak li qalu Cassar u Sammut, dwar il-fatt li meta daħlu fl-imsemmi post, sabu kelb "*f'shaft jew bitha nterna, fejn il-kelb kien qiegħed ġo fija*". Skont ix-xhud, ix-xaft kien "*metru b'metru u nofs u kien hemm washing*

*machine ukoll"*. Jgħid li jiftakar li l-washing machine kienet fit-tarf tax-xaft, faċċata tal-bieb li jagħti għal ġo l-istess xaft. Meta ġie muri r-ritratti ezebiti *a fol.* 41 sa *a fol.* 45, ix-xhud għaraf il-kelb u x-xaft fejn kien qed jinżamm l-imsemmi kelb. Għaraf ukoll lill-imputata, bħala sid il-kelb u jgħid li hija kienet waslet fuq il-post, wara li ommha ċemplitilha sabiex tinfurmaha li kienu marru l-Pulizija u l-Uffiċjali ta' l-Animal Welfare.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2023, xehdet bil-ġurament ukoll Carmen Bugeja, omm l-imputata, li kkonfermat li l-kelb in kwistjoni kien ta' bintha Caroline Debrincat. Hija kkonfermat ukoll li l-uffiċjali tal-Animal Welfare kienu marru darbtejn fil-fond tagħha *"għax xi ħadd irrapporta li …. l-kelb qiegħed miżmum ħażin"*. Hija sostniet madanakollu li ma kienx minnu li l-kelb kien qed jiġi trattat ħażin u li kienu jżommuh barra fix-xaft meta kienu jnaddfu. Il-bqija *"dejjem magħna jiġri"*. Meta ġiet murija r-ritratti ezebiti *a fol. 41* sa *a fol. 45*, ix-xhud għarfet il-kelb u l-post li fih kien jinżamm. Hija anke stqarret li f'istess xaft, kellha il-*washing machine.*

Illi fl-istess seduta, xehed ukoll bil-ġurament l-Ispettur Christian Cauchi, li ħa l-istqarrija ta' l-imputata. Huwa jgħid li l-imputata għażlet li ma tiffirmax din l-istqarrija. Jgħid ukoll li qabel ma ħa l-istqarrija, l-imputata *ngħatat d-dritt* li tikkonsulta ma' Avukat tal-għażla tagħha, u li di fatti hija ddeċidiet li tikkonsulta ma' l-Avukat Dott. George Anton Buttigieg.

Illi fit-13 ta' Jannar 2025 semghat ix-xhieda bil-ġurament ta' l-Imputata Caroline Debrincat, li qalet li l-kelb kien tahula r-raġel t'oħtha, meta kien hemm żmien fejn hi ma kinitx qed taħdem. Hija qalet li xahrejn wara li ngħatat il-kelb, bdiet taħdem. Qalet ukoll f'dak iż-żmien, ma setgħetx iżżomm il-kelb ġewwa anke peress li kellha tifel ta' erba' snin. Stqarret li għalkemm il-post fejn kien qed jinżamm il-kelb kien żgħir, hija xorta waħda kienet qed iżżommu fi stat tajjeb, anke stante li l-kelb kien ghadu ġeru. Stqarret ukoll li sakemm kienet tkun xogħol, il-kelb kien qed jitħalla ġox-xaft, iżda li filgħaxija kien ikollu aċċess kemm għal ġox-xaft kif ukoll għal kamra tas-sodda. Meta reggħet ġiet mistoqsija mill-Qorti dwar fejn kien joqgħod il-kelb fil-ħin tax-xogħol tagħha, l-imputata kkonfermat li kien joqgħod fix-xaft *"qisu minn xi disgħa u nofs sa xi sagħtejn u nofs"* u li kienet tħallilu l-ikel. In kontro-ezami, qalet ukoll li fix-xaft, u preċisament wara l-washing machine kellu anke sodda fejn il-kelb seta' joqgħod. Illi l-imputata ippromettiet li tippreżenta numru ta' ritratti rilevanti għal mertu tal-kawża.

**Ikkunsidrat**

**L-ewwel Imputazzjoni**

L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda ksur tar-Regolament 4 dwar iż-Żamma tal-Klieb ta' L.S.439.21. tal-Ligijiet ta' Malta
Illi r-Regolament 4 jgħid is-segwenti:

**4. Iż-żamma fi spazju limitat huwa permess biss:**

(a) f'kumpartiment adekwat skont l-Iskeda ġewwa żona mdawra bi ċnut sikuri;

(b) fuq art li hija solida u impermeabbli;

(ċ) f'kundizzjonijiet ta' iġjene tajba; u

(d) mingħajr irbit jew trażżin:

Fl-iSkeda tar-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb, L.S.439.21 insibu wkoll is-segwenti:

**Speċifikazzjonijiet għal kumpartiment ta' kelb: Kumpartiment Ġenerali:**

1. L-ebda kelb ma jista' jiġi ristrett fi kwalunkwe ħin b'hekk li jiġi kkawżat lilu tbatija jew ġrieħi. Kull annimal għandu jingħata l-ispazju xieraq għall-bżonnijiet fiżjoloġiċi u etoloġiċi skont l-esperjenza u tagħrif xjentifiku stabbilit.

2. L-ispazju minimu għal kull kelb qatt m'għandu jkun inqas minn dan li ġej:

Kull kumpartiment għandu jkun provdut b'żona tal-irqad u żona tal-eżerċizzju bid-daqs mhux inqas minn dan li ġej:

| Għoli mill-gerriesa tal-kelbv | Erja minima ta' art | Tul minimu tal-iqsar ġenb |
|---|---|---|
| <30ċm | (1+N) x 1m kwadru | 1m |
| 30-50ċm | (1+N) x 1.2m kwadru | 1.2m |
| >50ċm | (1+N) X 1.5m kwadru | 1.2m |

N tirreferi għan-numru ta' klieb fl-istess kumpartiment

---

Illi din il-Qorti hija ta' l-opinjoni li minn din il-Leġislazzjoni Sussidjarja, il-Leġislatur kellu f'moħħu li jirregola dan il-qasam, billi jipprovdi dawk l-*istandards* li huwa jqis li jkunu l-minimu aċċettabbli u possibbli. Di fatti, il-Leġislatur ma pprovdix il-massimu ta' spazju rikjest għaż-żona tal-irqad u ż-żona tal-eżerċizzju tal-klieb, iżda **rregola il-minimu aċċettabbli.**

Huwa daqstant ukoll ċar li biż-żamma ta' dawn l-*istandards*, il-Leġislatur ried ifisser li l-ebda kelb ma għandu jiġi miżmum f'kundizzjonijiet li ma jkunux jilħqu dawn l-*istandards* minimi, u ċioe' li anke jekk kelb jinżamm fil-magħluq, l-ebda magħluq ma jista' jkun iżgħar minn dawk id-dimensjonijiet imsemmija fil-Liġi. Dan ifisser ukoll li **mhux legalment aċċettabbli li persuna żżomm kelb fi spazji li jkunu anqas minn dawk preskritti fl-iskeda**.

Illi mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Animal Welfare kif ukoll mir-rapporti u ritratti annessi ma' l-istess rapport, li ġew prezentati jirriżulta ċar li x-xaft kien ta' madwar 90 ċm bi 360 ċm, liema fatt ma ġiex ikkontestat bl-ebda mod u manjiera mill-imputata, tant li hija stess qalet il-post fejn kienet qed iżżomm il-kelb kien vera żgħir – **fatt illi l-imputata stess ammettiet fix-xhieda tagħha.** Jirriżulta ukoll li l-kelb, għalkemm żgħir fl-eta', kien ta' daqs medju u twil 35 ċm, u għaldaqstant din il-Qorti mill-provi migjuba m'għandhiex dubju li l-post fejn kien qed jinżamm il-kelb ta' tali daqs ma kienx skont **l-ispeċifikazzjonijiet li titlob il-liġi.**

Illi, għalhekk, minn dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti hija konvinta illi l-ewwel (1) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata ġiet sodisfaċentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tiġi misjuba ħatja tagħha.

**It-tieni Imputazzjoni:**

Fit-tieni imputazzjoni, l-imputata qed tiġi akkużata li ġiegħlet il-kelb tagħha jsofri minn uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti tal-ħarsien ta' l-annimali ai termini tal-Artikolu 8(2),(3),(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Artikolu 8(2) jiddisponi illi:

> (2): L-ebda annimal ma għandu jiġi mġiegħel isofri uġiegħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn, u l-ebda annimal ma jista' jiġi abbandunat.
>
> (3): Kull min iżomm l-annimali jew jaqbel li jżomm animmali għandu jkun responsabbli għat-trattament xieraq tagħhom.
>
> (4): Kull persuna għandha tieħu dawk il-passi ragonevoli f'kull ċirkostanza sabiex tiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimal li hija responsabbli għalih, jew li taqbel li tiehu ħsieb, jintlahqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tigi zġurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal.

Illi għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu, il-Qorti tħoss li l-Leġistur ried li jigu inkluzi diversi ħtiġijiet, li għandhom jinkludu l-provvista ta' ambjent xieraq, provvista ta' dieta sana, lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġieba normali tiegħu, provvista ta' akkomodazzjoni xierqa, segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

Illi di fatti l-Leġislatur f'dan l-Artikolu nkorpora diversi xenarji differenti sabiex jiżġura illi kull annimal ikollu kull ma jinħtieġ, inkluż ambjent adegwat u ikel xieraq fost oħrajn, u li n-nuqqas ta' dawn il-ħtiġijiet jista' jwassal għat-tbatija, mard jew uġigħ tal-annimal.

Illi issa fil-każ odjern, din il-Qorti tara li mir-rapport redatt u ppreżentat minn Elaine Camilleri, DOK EC1 a fol 49 rriżultaw s-segwenti kostatazzjonijiet mill-ispezzjoni li seħħet fit-26 ta' Novembru 2021:-

- *Dog in shaft*

- *Dirty Floor*
- *Poor shelter*
- *Filthy conditions*
- *Shaft small space*

Mit-tieni rapport redatt u ppreżentat minn Joseph Cassar, DOK JC1 *a fol.* 38 saru kostatazzjonijiet simili u dan wara l-ispezzjoni li seħħet nhar it-2 ta' Diċembru 2021:

- *Dog locked outside in small shaft*
- *No bed and no clean bedding to sleep on and keep warm*
- *Very small space to use as shelter*
- *Dog not microchipped;*

Illi dawn il-kostatazzjonijiet fl-opinjoni ta' din il-Qorti ġew pjenement sostanzjati mis-sett ta' ritratti li huma annessi mar-rapporti u li juru l-kelb tar-razza Pitbull maqful f'xaft żgħir bla lqugħ ta' xejn, bla provvista xierqa t'ikel u f'ambjent maħmuġ, u għalhekk, mill-provi jirrizulta li l-imputata naqset milli tieħu dawk il-passi raġonevoli biex tiżgura li l-ħtiġijiet tal-kelb tagħha jintlaħqu biex tiġi żgurata s-saħħa u l-benessere tal-imsemmi kelb li tħalla f'lok fejn ma setgħax jesprimi l-imġieba normali tiegħu w fejn ma kellux akkomodazzjoni xierqa, kif kontemplat bl-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

In vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li l-imputata mhux biss naqset milli tipprovdi lil dan il-kelb spazju adegwat u nadif fejn jista' jiċċirkola u jagħmel ezerċizzju iżda naqset ukoll milli tipprovdi lil dan il-kelb ikel kif ukoll ambjent xieraq fejn jista' jesprimi l-imġieba normali ta' kelb li għadu żgħir.

Illi huwa ċar li għal xi raġuni li taf hi biss, l-imputata għażlet li tħalli l-kelb f'post mingħajr l-ebda lqugh u dan wara li hija kienet diga ngħatat c-cans li tnehhieħ, iżda minflok hija għażlet li tħallih f'istess sitwazzjoni. Minflok ma ħadet ażżjoni biex tiżgura li l-kelb ma jkunx nieqes minn ikel, indafa u igene, akkomodazzjoni xierqa u spazju adegwat biex jgħix mingħajr tbatija, uġigħ u dwejjaq bla bżonn, l-imputata iddeċidiet li tagħlaq ghajnejha u m'għamlet assolutament xejn biex tħares l-interessi tal-kelb, irrispettivament mill-fatt li l-imsemmi kelb kellu body score tajjeb.

Mix-xhieda kemm ta' Joseph Cassar u Fiorita Maria Sammut kif ukoll mix-xhieda ta' Gerald Ebejer u Elaine Camilleri, rriżulta car li fiż-żewġ istanzi fejn aċċedew l-uffiċjali tal-Animal Welfare, dan il-kelb instab bla ikel u bla akkomodazzjoni xierqa f'perjodu (bejn Novembru u Diċembru 2021) b'temp instabbli u kiesaħ, u nonostante il-fatt li l-imputata tgħid li hija kienet qed iżżommu tajjeb (lill-kelb).

Illi, għalhekk, minn dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li anke t-tieni (2) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputata ġiet ppruvat sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>It-tielet Imputazzjoni:</u>**

Illi għar-rigward it-tielet imputazzjoni, l-imputata qed tigi akkużata li rrendiet ruhha reċidiva skont l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti tosserva illi ġiet prezentata Sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Ġudikatura Kriminali preseduta mill-Maġistrat Dr Charmaine Galea tal-4 ta' Mejju 2021.

Illi ghalhekk l-imputata qed tigi misjuba hatja ukoll tar-recidiva ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta biss.

**<u>Decide</u>**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 kif ukoll Regolament 4 tal-L.S. 439.21 u l-Artikolu 8(2), 8(3), 8(4) u 45(1) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, qed **issib lil imputata Caroline Debrincat hatja** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha u qed **tikkundannaha għal ħlas ta' multa għas-somma ta' elfejn Ewro (€2,000).**

Illi rigward it-talba ai termini ta' l-Artikolu 45(1)(b) tal-Kapitolu 439 tal-tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti **qed tipprojbixxi lil hatja Caroline Debrincat milli żżomm annimali jew milli tirrisjedi f'post fejn jinżammu annimali ghal sentejn (2) millum** u qed tordna lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali sabiex javża lill-Kummissarju ghat-Trattament Xieraq ta' l-Annimali b'din is-sentenza li timponi tali projbizzjoni.

Illi rigward it-talba ai termini ta' l-Artikolu 45(3) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jitħallsu mill-imputata fil-każ odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Maġistrat**